MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 173/2010

**HSBC bank Malta plc (C3177)**

**Vs**

**Francis Schembri u martu Josianne Schembri**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors tal-HSBC Bank Malta p.l.c. ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tnax ta’ Mejju, 2010 fejn il-Prokuratur Legali Catherine Fenech in rappersentanza tal-istess bank esponiet:

Illi fl-24 ta’ Dicembru 2003 l-intimati hadu b’titolu ta’ self (Flexicredit) minghand il-Bank rikorrenti s-somma ta’ erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4658.75) ga elfejn lira Maltin (Lm2000) u dan bl-imghax ta’ hamsa fil-mija (5%) u bil-kundizzjonijiet l-ohra ndikati fil-ftehim relattiv li kopja tieghu jinsab hawn anness bhala Dokument A.

Illi sal-31 ta’ Dicembru 2009, l-intimati kienu ghadhom debituri lejn il-Bank rikorrenti fl-ammont ta’ tlett elef hames mija u tletin Ewro u sebgha w disghin centezmi (€3530.97) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq is-self fuq imsemmi u cioe’ elfejn seba’ mija u tlieta w tmenin Ewro u ghoxrin centezmu (€2783.20), formanti parti mill-kapital u seba’ mija u seba’ u erbghin Ewro w sebgha w sebghin centezmu (€747.77) bhala imghaxijiet dovuti fuq l-istess bilanc sal-31 ta’ Dicembru 2009 – Dok. B.

Illi l-intimati gew interpellati kemm-il darba – anki ufficjalment (ara Dok. C) – sabiex ihallsu l-bilanc imsemmi, izda huma baqghu inadempjenti w fil-5 ta’ Mejju, 2009 l-intimat Francis Schembri kkontesta t-talba maghmula mir-rikorrenti permezz tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Lulju, 2008 in forza tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta – Dok. D.

Ghaldaqstant, il-Qorti giet mitluba sabiex ghar-ragunijiet premessi:

Tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-ammont ta’ tlett elef hames mija w tletin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€3530.97) dovut kif fuq imsemmi flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri ta’ tmienja fil-mija (8%) mill-1 ta’ Jannar 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-13 ta’ Marzu 2007 u tal-1 ta’ Lulju 2008 kontra l-intimati li minn issa jibqghu imharrka ghas-subizzjoni.

Rat illi fil-5 ta’ Mejju 2010 l-konvenut Francis Schembri ipprezenta nota fl-atti tal-ittra ufficjali numru 2724/08 permezz ta’ liema huwa rrespinga l-allegazzjonijiet maghmula minn HSBC Bank Malta p.l.c., u dan peress illi l-ammont rikjest ma huwiex dovut la fil-fatt u la fid-dritt.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Mejju 2010 fejn ordnat lir-rikorrent jinforma lil-Qorti taht liema disposizzjoni tal-ligi kien qed jagixxi l-Bank u rriservat li tipprovdi ulterjorment.

Rat in-nota tas-socjeta’ HSBC Bank Malta p.l.c. tat-18 ta’ Gunju, 2010, fejn ipprezentat rikors iehor biex jissostitwixxi r-rikors ipprezentat fit-12 ta’ Mejju 2010 fl-ismijiet premessi, w dan biex jottempera ruhu mad-digriet moghti mill-Qorti wara l-prezentata ta’ l-istess rikors.

Rat li fit-tmintax ta’ Gunju, 2010 is-socjeta’ HSBC Bank Malta p.l.c. kienet ipprezentat rikors fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti *“jhallsuha s-somma ta’ tlett elef hames mija w tletin Euro u sebgha u disghin centesmu (€3530.97) li minnhom is-somma ta’ elfejn sebgha mija tlieta u tmenin Euro u ghoxrin centesmu (€2783.20) huma dovuti f’kapital u sebgha mija w sebgha w erbghin ewro u sebgha w sebghin centezmu (€747.77) huma dovuti f’imghax sal-31 ta’ Dicembru 2009 (Dok B) lis-socjeta’ attrici wara self (Flexicredit) (Dok A) maghmul mis-socjeta’ attrici. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-13 ta’ Marzu 2007 (Dok C) u tal-1 ta’ Lulju 2008 (Dok D) bl-imghax legali ta’ tmienja fil-mija fis-sena mill-1 ta’ Jannar 2010 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Il-konevnuti ngunti in subizzjoni*.”

Rat illi Francis Schembri kien notifikat b’dan ir-rikors nhar is-26 ta’ Gunju 2010, kif jirrizulta mit-timbru tal-Purtier Joseph Schembri a fol. 19 tergo tal-process.

Rat illi Josianne Schembri giet notifikata permezz tal-procedura tal-affissjoni meta l-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi innotifikaha billi wahhal estratt mir-rikors mar-residenza taghha kif indikat fir-rikors u dan nhar il-11 ta’ Ottubru 2010, u billi halla kopja fl-ghassa tal-Pulizija tal-Imsida nhar il-11 ta’ Ottubru 2010 u fil-Kunsill Lokali tal-Imsida fl-istess jum, skond riferti li jinsabu a fol. 27 tergo.

Rat ukoll li Josianne Schembri giet notifikata permezz ta’ estratt li deher fil-gazzetta lokali The Malta Independent ta’ nhar id-29 ta’ Ottubru 2010, li gie esebit bhala Dok A permezz ta’ nota tal-1 ta’ Novembru, 2010 a fol 30 tal-process.

Rat ukoll li Josianne Schembri giet notifikata permezz ta’ estratt li deher fil-gazetta tal-Gvern tat-12 t’Ottubru, 2010 li kopja tal- versjoni *on line* taghha tinsab inserita fl-atti a fol 26.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2010 hadd mill-konvenuti ma deher sabiex jirrispondi ghat-talbiet rikorrenti, w is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2010 il-konvenuti ma dehrux in subizzjoni sabiex jirrispondu ghat-talbiet attrici.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u dan billi tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma indikata fir-rikors ipprezentat nhar it-18 ta’ Gunju 2010 fl-ammont ta’ tlet elef hames mija u tletin Euro u sebgha w disghin centezmu (€3,530.97).**

**L-ispejjez ta’ dan il-kaz flimkien mal-ispejjez tal-ittri ufficcjali ndikati fir-rikors, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti *in solidum*, li ghandhom ukoll ihallsu l-imghax mill-1 ta’ Jannar 2010, kif mitlub mill-istess socjeta’ attrici fir-rikors taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------